MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2009

Numru. 1182/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**-vs-**

**Paschalino Cefai**

Kumpilazzjoni numru 1182/2008

Il-Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Paschalino Cefai ta’ 28 sena iben Joseph u Theresa nee’ Saliba imwieled Attard fit- 13 ta’ Dicembru, 1979 u li joqghod 24, Triq il-Madonna tac- Cicri, Zebbug, Ghawdex, detentur tal- karta ta’ l- identita` bin- numru 52480M.

Akkuzat talli nhar l- 1 ta’ Settembru, 2008 ghal- habta tad-09:30hrs, fil- Marsa, attakka jew ghamel resistenza bi

vjolenza jew hebb ghal- persuni inkarigati skond il- ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jagixxu ghal-esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghti skond il- ligi mill-awtorita' kompetenti.
Talli wkoll fl- istess data, hin u cirkustanzi ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il- persuna ta' Horace Genovese u feriti ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' Mario Sant hekk kif iccertifikati minn Dr. Velttchka Agius M.D. fl- Isptar Mater Dei.

Talli wkoll fl- istess data, hin u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal-aktar minn 116.47 Euros izda anqas minn 1164.69 Euros u dan ghad- detriment ta' Horace Genovese, ADT u l- Gvern ta' Malta.

Talli wkoll fl- istess data, hin u cirkostanzi fil- pubbliku qal kliem oxxen jew indicenti u talli wkoll ma obdiex l- ordnijiet legittimi ta' l- awtorita jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixklu waqt li kien qed jghamel id- dmirijiet tieghu.

Talli wkoll rrenda ruhu recidiv ghall- sentenza li giet definittivament deciza mill- Qorti tal- Appell nhar is- 6 ta' Frar, 2006.

Talli wkoll kiser kundizzjoni imposta fuqu mill- Qorti tal-Magistrati, Malta nhar l- 14 ta' April, 2008.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Rat l-artikoli 49, 50, 96(a), 216, 221, 325(1)(b), 338(bb) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, u l-ammont ta' hsara kawzata mill-imputat; hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju tal-proceduri, il-fatt li seduta stante l-imputat skuza ruhu ghall-agir tieghu ma'l-ufficcjali ta'Awtorita Dwar it-Trasport. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fedina penali ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 96(a), 216, 221, 325(1)(b), 338(bb) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin skond il-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dik li jhallas lill-Awtorita dwar it-Trasport is-somma ta' tlett mija sitta u ghoxrin Euro u sitta u disghin centezmu (€326.96) fi zmien tlett xhur.

In oltre il-Qorti qes testendi l-perjodu ta' liberta kundizzjonata mghoti fil-konfront ta' l-imputat permezz ta' sentenza ta'l-14 ta' April 2008 ghal perjodu ta' tlett snin ohra mill-llum.

In konkluzjoni u biex tipprovdi ghas-sigurta ta' Horace Genovese u Mario Sant, il-Qorti qed torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' elfejn  u tlett mitt Euro (€2,300) ghal perjodu ta' sena li ma jdejjaqx u ma jimmolestax lill-imsemmija Horace Genovese u Mario Sant.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ta’l-Ufficcju tal-Probation sa biex jigi assenjat ufficjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------